## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

### IMHALLEF : ONOR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tat-3 ta' Awissu 2001**

**Citazzjoni numru 1519/98 GC**

**Paul Bartolo**

**vs**

**Rita Bartolo mart Paul Bartolo minnu legalment separata f'isimha proprju u bhala kuratrici "ad litem" ta' bintha minuri Cherrys Ann Maria Anthea u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-attur Paul Bartolo izzewweg lill-konvenuta Rita Bartolo nee Farrugia fit-13 ta' Lulju tas-sena elf disa mija tnejn u sebghin (1972);

Illi l-Onorabbli Qorti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April elf disa mija erba' u disghin (1994) ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Bartolo: (Citazzjoni Numru 221/88FD);

Illi l-attur u l-konvenuta baqghu separati kemm de jure kif ukoll de facto;

Illi fit-tletin (30) ta' Lulju 1993 minn relazzjoni ma' terza persuna twieldet lill-konvenuta t-tarbija li giet imsejha Cherrys Ann Maria Anthea li giet irregistrata bhala bint l-attur (Dokument C);

Illi l-attur l-anqas biss kien jaf bl-ezistenza ta' din it-tarbija li mhijiex minn tieghu, sar jaf biha issa, u jrid jichad il-paternita' taghha;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex:

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz li l-imsemmija tarbija Cherrys Ann Maria Anthea mhix bint l-attur;

2. Ghaliex ic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi numru 11041 m'ghandux jigi mibdul billi jithassru minnu l-annotazzjonijiet kollha relattivi ghall-attur fil-linji "Missier it-Tarbija" u dawn jigu sostitwiti bl-annotazzjoni "Mhux maghruf";

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament knfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fejn gie eccepit :-

1. Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u soddisfacenti skond il-ligi;

2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 1999 ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li bih gie nominat l-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jisma l-provi tal-kaz;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-imsemmi Assistant Gudizzjarju li fil-kors taghhom xehed l-attur, il-konvenuta u ta' Alfred Sciberras;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 1999 minn fejn jirrizulta li l-Qorti, diversament presjeduta, rrevokat l-inkarigu tal-Assistant Gudizzjarju;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' April 2000 li permezz tieghu gie ordnat li a spejjez tal-attur isiru t-testijiet kollha necessarji inkluzi dawk medici u dak tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri u gie nominat ghal dan il-ghan Dottor Christopher Barbara;

Semghet lill-imsemmi Dottor Christopher Barbara;

Rat il-varji rapporti tal-esamijiet li saru in konnessjoni mad-digriet tal-3 ta' April 2000;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-kumpless ta' provi prodotti u mill-esamijiet li saru jirrizulta sufficjentement pruvat li l-attur ma jista qatt jigi ritenut li huwa missier il-minuri in kwestjoni cioe' l-missier ta' Cherrys Ann Maria Anthea li twieldet Ghawdex fit-8 ta' Gunju tal-1993 fid-9.50 a.m.;

Ghlahekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li t-tarbija Cherrys Ann Maria Anthea mhux bint l-attur u tordna li c-certifikat tat-twelid relattiv ghall-imsemmija tarbija li twieldet Ghawdex fit-8 ta' Gunju tal-1993 fid-9.50 a.m. jigi mibdul billi jithassru minnu l-annotazzjonijiet kollha relattivi ghall-attur fil-linji "Missier it-Tarbija" u dawn jigu sostitwiti bl-annotazzjoni "Mhux maghruf";

In vista tan-natura tal-kaz tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan li l-attur ghandu ukoll ihallas l-ispejjez tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.